# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 3 ta'Lulju 2024**

**Kawża Numru: 44/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**kontra**

**Bronwen Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Bronwen Bugeja, iben Emanuel u Brigitte nee' Abela, imwieled Pieta', Malta, fit-tletin (30) ta' April tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) u residenti ġewwa l-fond bin-numru erbgħa u tletin (34), Manbrig, Triq il-Ġistakor, Għaxaq u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 217890(M).

Billi inti akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u fis-sena ta' qabel din id-data;

1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew li tipprokura d-droga **kokajina** speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persunai, jew għall-użu ta' persuna/i, mingħajr ma kellek liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kont awtorizzat bir-Regoli tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (1939), għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), jew minn xi

awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga, u mingħajr ma kont fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellek liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellek liċenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament numru erbgħa (4) tar-Regolamenti tas-sena elf disa' mija u disgħa u tletin (1939), ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Ittraffikajt, biegħt, qassamt jew offrejt li tittraffika, tbiegħ jew tqassam mediċina psikotropika u ristretta **(mephedrone)** mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali numru tnejn u għoxrin (22) tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendati.

3. Ittraffikajt, biegħt, qassamt jew offrejt li tittraffika, tbiegħ jew tqassam mediċina psikotropika u ristretta **(ecstasy)** mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali numru tnejn u għoxrin (22) tas-sena elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendati.

4. Kellek fil-pussess tiegħek d-droga **kokajina** speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-diżpozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-liċenjza mill-President

ta’ Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta’ l-elf disa’ mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, **liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek.**

5. Kellek fil-pussess tiegħek mediċina psikotropika **(ecstasy)** mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali numru tnejn u għoxrin (22) ta’ l-elf disa’ mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendati, **liema mediċina nstabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek.**

6. Kellek fil-pussess tiegħek mediċina psikotropika **(mephedrone)** mingħajr awtorizazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur ta’ dispozizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviz Legali numru tnejn u għoxrin (22) ta’ l-elf disa’ mija u ħamsa u tmenin (1985) kif emendati, **liema mediċina nstabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħek.**

7. Talli sirt recidiv b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ Malta preseduta mill-Maġistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D nhar id-dsatax (19) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f’każ ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta[1];

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tal-istess data, maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tagħhom l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanzi[2];

Semgħet fl-udjenza ta' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), lill-partijiet jiddikjaraw li kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' lix-xhieda li kienu diġa xehdu u l-provi li kienu miġjuba f'dawn il-proċeduri qabel ma din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar is-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat illi fl-udjenza ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), id-difiża talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi relattivi;

Rat illi permezz ta' digriet datat sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022)[3], din il-Qorti diversament preseduta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u ai termini ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta rriferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Rat in-nota tal-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), minn fejn

[1] A fol. 99 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 4 u 5 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 90 tal-atti proċesswali

jirriżulta li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess;

Semgħet id-depozizzjoni tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ta' nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), u rat li ma kinetx tirriżulta l-ħtieġa li din il-Qorti ssejjaħ kawżi oħra rigwardanti l-imputat;

Semgħet lill-prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-abbli avukat difensur;

**Ikkunsidrat :-**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi :-

**L-iSpettur Herman Mula**[4] xehed illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), il-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit*, PS 1354 Claudio Coppola, PC 159 Glendon Calleja, PC 1214 (illum Spettur) Malcolm Brandon Sammut u PC 131 Nathan Bugeja kienu waqqfu lill-imputat ġewwa *Sky Club* u dan għaliex kienu nnutawh jarmi borża, li rriżulta li kien fiha sbatax (17)-il qartas, ta' trab abjad u sbatax (17)-il pillola suspettata *ecstasy*. Huwa igħid li kienet saret ukoll tfittxija fuq il-persuna tal-imputat u nstabu erba' mija u ħamsin ewro (€ 450). L-Ispettur Mula jispjega li l-imputat kien ġie arrestat u l-investigazzjoni tkompliet mill-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga, li marru fir-residenza tal-imputat, fil-fond numru erbgħa u tletin (34), Manbrick, Triq il-Gistakor, Għaxaq fejn saret tfittxija minn PS 839 Stephen Micallef, PC 773 Ryan Tonna u PC 1311 Gregory Pizzuto. Huwa igħid li fil-kamra tas-sodda tal-imputat nstabu seba' (7) qratas ta' sustanza bajdanija suspettata kokajina, miżien elettroniku, telefon ċellulari, sim card u xi flus.

L-Ispettur Mula xehed illi sussegwentement, l-imputat kien ġie interrogat u huwa eżebixxa l-istqarrija tal-imputat li ttieħdet nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), liema stqarrija ġiet immarkata bħala 'Dok HM 1'. Ix-xhud jispjega li l-imputat ingħata s-solita twissija u d-dritt tas-silenzju, fejn l-imputat għażel li ma jikkonsultax ma' avukat qabel l-interrogazzjoni. Fl-istqarrija huwa kien ammetta li jitraffika l-kokajina, *ecstasy* u *mephedrone*. Ġiet eżebita ukoll dikjarazzjoni ta' rifjut tal-parir legali, li ġiet immarkata bħala 'Dok HM 2' u fuqha l-Ispettur Mula għaraf il-firma tiegħu, il-firma ta' PS 923 Pierre Guido

[4] A fol. 13 tal-atti proċesswali

Saliba, il-firma ta' PC 409 Joseph Zarb u l-firma tal-imputat. Ix-xhud eżebixxa ukoll l-affarijiet u s-sustanzi li kienu ġew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat, kif ukoll mir-residenza tiegħu, li ġew eżebiti f'pakkett li ġie mmarkat bħala 'Dok HM 3'. Ġew eżebiti ukoll erba' mija u ħamsin ewro (€ 450) fi flus kontanti li kienu ġew elevati minn fuq il-persuna tal-imputat mal-arrest tiegħu, li ġew immarkati bħala 'Dok HM 4'.

**L-Ispettur Malcolm Sammut**[5] xehed illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (2.30 a.m.), meta kien stazzjonat fir-*Rapid Intervention Unit,* huwa kien dettaljat xogħol ġewwa Paceville. Ix-xhud igħid li huwa kien xogħol flimkien ma' PS 1354, PC 131 u PC 159 u igħid li huma kienu daħlu ġewwa *Sky Club*, li jiġi faċċata tal-lukanda Westin Dragonara. Huwa jispjega li kif daħlu, innutaw persuna maskili, li daħħal idejh fil-but u tefgħa borża mal-art fin-naħa ta' fejn hemm it-*toilets*. Igħid li kif raw hekk, waqqfu lil din il-persuna mal-ewwel, żammewh, iċċekjaw x'kien fiha l-borża u kien hemm diversi qratas bojod, xi boroż magħluqin, kif ukoll xi ħmistax jew sbatax-il pillola blu. Igħid li din il-persuna, kienet ġiet infurmata li tinsab taħt arrest u ġiet infurmata bid-drittijiet tagħha u li għandha d-dritt li tikkonsulta ma' avukat. Minn hemmhekk huwa kien informa lis-Surġent li kien informa lill-Iskawdra ta' kontra d-Droga u l-investigazzjonijiet tkomplew min-naħa tagħhom. Igħid li fuq il-persuna tiegħu sabu ukoll madwar erba' mija u ħamsin fi flus kontanti. Ix-xhud ġie muri 'Dok HM 3' u għaraf il-qratas u l-pilloli l-blu li semma fix-xhieda tiegħu. Fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-flus, huwa igħid li ma jiftakarx x'kienu. Ix-xhud għaraf ukoll lill-persuna msemmija fix-xhieda tiegħu bħala l-imputat fl-awla.

**PS 131 Nathan Bugeja**[6] xehed illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), hu flimkien ma' PS 1354, PC 1214 u PC 159, kienu għaddejin minn fejn *Sky Club* ġewwa Paceville, fejn innutaw persuna li kienet qegħda taġixxi b'mod suspettuż. Igħid li kienu għall-ħabta tat-tlieta neqsin għoxrin ta' filgħodu (2.40 a.m.). Igħid li kif avviċinaw lil din il-persuna maskili, huwa daħħal idu fil-qalziet u rema borża. Igħid li huwa waqqfu lil din il-persuna li rriżulta li kien l-imputat u ġabru l-borża. Ix-xhud igħid li fil-borża kien hemm sbatax (17)-il pillola blu suspettata droga, kif ukoll xi *sachets* bi trab abjad. Iżid ukoll li meta saret it-tfittxija fuq il-persuna tal-imputat instabu ukoll erba' mija u ħamsin ewro

[5] A fol. 20 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 25 tal-atti proċesswali

(€ 450) fi flus kontanti. Igħid li l-imputat ġie mogħti d-drittijiet tiegħu u minn hemmhekk avżaw lill-Iskwadra ta' kontra d-Droga u għaddew kollox lilhom.

**PS 159 Glenn Calleja**[7] xehed illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tat-tletin neqsin għoxrin ta' filgħodu (2.40 a.m.) kienu għaddejjin minn fejn *Sky Club* fejn innutaw persuna li bdiet taġixxi b'mod suspettuż. Igħid li kif avviċinaw lil din il-persuna li rriżulta li kien l-imputat, huwa rema borża fl-art, li fiha rriżulta li kien hemm *sachets* bi trab abjad u sbatax (17)-il pillola blu suspettata droga. Ix-xhud igħid li l-imputat ġie infurmat li kien taħt arrest u ngħata d-drittijiet tiegħu u sussegwentement ingħata *handover* lill-membri tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga. Igħid li l-imputat ikkopera magħhom. Meta mistoqsi sabiex jispjega iktar fid-dettal, ix-xhud igħid li kien għadda ż-żmien, pero igħid li jekk jiftakar sew l-imputat kien ġab il-borża mill-qalziet u remiha ftit 'il bogħol minnu.

**PS 1354 Claudio Coppola**[8] xehed illi huwa kien stazzjonat ir-*Rapid Intervention Unit* u fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) għall-ħabta tat-tlieta neqsin għoxrin ta' filgħodu (2.40 a.m.), il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu ronda quddiem *Sky Club* fejn innutaw persuna li rriżulta li kien l-imputat Bronwen Bugeja, li kif ra lill-Pulizija, beda jaġixxi b'mod suspettuż. Igħid li kif huma resqu viċin tiegħu, huwa daħħal idu fil-qalziet u rema borża. Igħid li huma żammew il-borża, żammew lill-imputat u għamlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu fejn nstabu ukoll madwar erba' mija u ħamsin ewro fi flus kontanti. Huwa jispjega li fil-borża kien hemm madwar sbatax (17)-il pillola blu, kif ukoll trab abjad li kien suspettat li kien droga. Igħid li wara li l-imputat ingħata d-drittijiet tiegħu, huma kienu nfurmaw lill-membri tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga u komplew l-investigazzjonijiet huma.

**Gilbert Mercieca**[9] xehed u preżenta r-rapport tiegħu. Minn analiżi tal-istess rapport jirriżulta li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) huwa kien rtira *evidence bag* issiġġillat bin-numru S00811932, kontenenti żewġ *evidence bags* bin-numru tas-siġill S00699035 (HM3.1) u S00699033 (HM3.2). Jirriżulta li dawn l-*evidence bags* kienu jikkontjenu s-segwenti :-

> *"Evidence bag bin-numru tas-siġill S0069903, kontenenti;*
>
> *- Borża tal-plastik li kien fiha 17 il-pillola blu.*

[7] A fol. 27 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 29 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 32 tal-atti proċesswali

*- Borża tal-plastik li kien fiha 4 boroż bit-trab abjad (Piż 1.986g)*
*- Borża tal-plastik li kien fiha 16 il-borża b'sustanza ta' lewn abjad (Piż 4.774g)"*

*"Evidence bag bin-numru tas-siġill S00699033, kontenenti:*

*- Borża tal-plastik li kien fiha 7 boroż bit-trab abjad (Piż: 2.938g)*
*- Miżien elettroniku ta' lewn iswed."*

Illi wara l-analiżi li saret mill-istess espert, huwa kkonkluda :-

*Illi l-kampjuni meħudin mill-pilloli ta' lewn blu li nstabu ġewwa id-dokument HM1, taw riżultat* ***pożittiv*** *għall-preżenza ta' sustanzi kkontrollati* ***(3,4- MDMA)****.*

*Is-sustanza illegali fil-pilloli* ***ta' lewn blu*** *ġiet identifikata bħala* ***3,4-MDMA.*** *Din is-sustanza hija mediċina psikotropika u skedata fil-Kap.31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985, kif emendati;*

*Il-persentaġġ medju ta' 3,4-MDMA fil-materjal kien ta* ***40.33%****, b'valur estimat ta* ***144.50€.***

*Illi l-kampjuni ta' trab ta' lewn abjad meħudin mill-boroż tal-plastik li nstabu ġewwa d-dokument HM1, taw riżultat* ***pożittiv*** *għall-preżenza ta' sustanzi kkontrollati* ***(kokajina).***

*It-trab ta' lewn abjad ġie identifikat bħala* ***taħlita ta' Kokajina, kaffeina Lidocaine u Tetramisole, b'piż totali ta 4.924g, mqassmin fi 11 il-borża.*** *Il-persentaġġ medju ta' Kokajina fil-materjal kien ta'* ***18.30%****, b'valur estimat ta* ***€241.28.***

*Is-sustanza* ***ta' lewn abjad*** *li nstabet ġewwa is-16 il-borża,* ***ġewwa d-dokument HM3.1*** *kienet identifikata bħala* ***3-Bromomethcathinone,*** *li mhux skedtat bħala mediċina perikoluża (L-ewwel skeda ta' Kap 101), jew psikotropika (It-Tielet Skeda ta' Kap.31 u Avviż Legali 22 tal-1985). Is-sustanza identifikata, 3-Bromomethcathinone, hija Synthetic cathinone, sustanza b'effetti stimulanti simili għal dawk ta' l-Amfetamina.*

*Filwaqt illi, waqt l-eżaminazzjoni viżwali ttieħed swab mill-wiċċ tal-* ***miżien,*** *li rriżulta pożittiv għal tracċi ta'* ***Kokajina."***

**PS 839 Stephen Micallef**[10] stazzjonat l-Iskwadra ta' kontra d-Droga, xehed illi fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ftit qabel it-tlieta ta' filgħodu, kien ġie nfurmat minn PS 1354 Coppola stazzjonat ir-*Rapid Intervention Unit*, li kien għamel *stop and search* fuq ċertu Bronwen Bugeja. Igħid li għadda ż-żmien u ma setgħax jikkonferma min kien Bronwen Bugeja. Igħid li madanakollu huwa għandu d-dettalji tiegħu pero ma kienux għandu dak il-ħin, iżda igħid li n-numru tal-karta tal-identita' tiegħu jispiċċa bin-numru 890. Jispjega li huwa jaf li kienet saret *stop and search* fuq Bronwen Bugeja u kienu sabulu ammont ta' flus, ammont ta' pilloli blu u xi *sachets* bi trab abjad. Ix-xhud igħid li hu flimkien ma PC 1311 u PC 773, illum mejjet, kienu marru fuq il-post, elevaw l-affarijiet mingħand il-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit*, u baqgħu sejrin Ħal Għaxaq, fejn hemmhekk saret tfittxija fir-residenza ta' Bronwen Bugeja, u fil-kamra tas-sodda tiegħu sabu xi seba' (7) *sachets* bi trab abjad, miżien żgħir, *mobile phone*, sim card u ammont ta' flus li jaħseb li kien ta' ħames mija. Igħid li dawn l-oġġetti ġew elevati u Bronwen Bugeja ittieħed il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija għal iktar investigazzjoni.

Id-difiża ressqet is-segwenti provi, prinċipalment in sostenn tat-talba tagħha ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Roberta Holland**[11] xehdet u preżentat ir-rapport tagħha. Hija kkonkludiet li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern u li l-każ odjern kien relatat sew mad-dipendenza u l-użu tad-droga tal-imputat. Tgħid ukoll li mill-assessjar ħareġ ukoll b'mod ċar li hemm raġunijiet oġġettivi li l-imputat tejjeb ferm is-sitwazzjoni tiegħu, li għamel progress konsiderevoli u li għamel passi konkreti sabiex jirriabilita ruħu.

**Mike Orland**[12] in rappreżentanza tal-Aġenzija Sedqa, xehed illi l-imputat kien talab is-servizz tagħhom fl-aħħar tas-sena elfejn u erbatax (2014). Igħid li kien żvela magħhom li kellu problema ta' użu ta' sustanzi u kellu dan il-każ li finalment instigah sabiex jindirizza l-problema li kellu. Jispjega li l-imputat dejjem segwa l-istruzzjonijiet tagħhom, attenda s-sessjonijiet u ħalla l-kampjuni tal-urina li ġew ittestjati għall-użu ta' sustanzi. Igħid li kellu *relapses* żgħar, iżda kien għamel kambjament notevoli f'dik li kienet l-istil ta' ħajja tiegħu.

[10] A fol. 50 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 59 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 84 tal-atti proċesswali

## **Stqarrija tal-imputat**[13]

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) wara li ngħata t-twissija li *"M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova."* Huwa ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali qabel l-interrogazzjoni, liema jedd huwa għażel li jirrifjuta.

L-imputat jistqarr li dakinhar tad-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014), huwa kien qiegħed *Sky Club*, ġewwa Paceville u ra lill-Pulizija deħlin fit-*toilets* u ħareġ barra. Igħid li huwa ra lill-Pulizija ħerġin warajh u għamlulu tfittxija u sabulu xi erba' mitt ewro fi flus kontanti. Igħid li fil-but kellu pillola *ecstasy* u sabuha l-Pulizija. Igħid ukoll li mal-art ħdejh il-Pulizija sabu tliet pakketti tiegħu li kien fihom sittax-il qartas *meow meow*, erba' qratas kokajina u sbatax-il pillola *ecstasy*. Igħid li wara saret tfittxija d-dar tiegħu u fil-kamra tiegħu l-Pulizija sabu miżien u sebat iqratas kokajina. Huwa jikkonferma li d-disa' mija u sittin ewro fi flus kontanti, it-telefon ċellulari Samsung, it-telefon ċellulari Nokia, il-miżien elettroniku, is-sim card tal-Go, is-sebgħa u għoxrin (27) qartas bi trab abjad u sbatax (17)-il pillola ta' lewn blu u laptop tad-ditta HP huma lkoll tiegħu. Fir-rigward tad-disa' mija u sittin ewro fi flus kontanti li nstabu fil-pussess tiegħu, l-imputat igħid li l-ħames mitt ewro li sabulu d-dar iwarrabhom biex jixtri l-affarijiet relatati max-xogħol. Fir-rigward tal-erba' mija u ħamsin ewro li sabulu fuqu l-Pulizija, l-imputat igħid li mitejn ewro kienu mill-bejgħ tad-droga u l-mitejn u ħamsin ewro l-oħra ħareġ bihom mid-dar għax kull ġimgħa missieru kien jtih il-paga. Fir-rigward tal-qratas bi trab abjad, huwa igħid li sittax (16) kien fihom *meow meow* u ħdax kien fihom il-kokajina. Meta ġie mistoqsi jekk meta jgħid *meow meow* kienx qiegħed jirreferi għal *mephedrone*, l-imputat igħid li ma jafx x'igħidula iżda meta jeħodha tifqagħlu moħħu. Fir-rigward tal-pilloli ta' lewn blu, igħid li dawk huma *ecstasy*. Fir-rigward tal-miżien elettroniku li nstab fil-pussess tiegħu, l-imputat igħid li dak il-miżien kien sellifulu sieħbu halli jkun jista' jiżen id-droga u ma jidħkux bih.

Meta ġie mistoqsi jekk kienx jabbuża mid-droga, l-imputat igħid li huwa jieħu *meow meow*, kokajina u *ecstasy*, iżda l-iktar li jieħu *meow meow*. Igħid li ilu jabbuża minn dawn id-drogi għal madwar sena. Igħid li kuljum huwa jieħu xi ħamsa jew sitta qratas *meow meow* u jieħu xi tnejn jew tlieta kokajina fil-*weekend*.

[13] A fol. 16 tal-atti proċesswali

Igħid li għandu bżonn l-għajnuna minħabba l-vizzju tad-droga. Huwa jammetti li l-*ecstasy* li kellu fil-pussess tiegħu kien ser ibiegħha. Igħid ukoll li l-kokajina u l-*meow meow* ma tantx iħobb ibiegħhhom għax jeħodhom għalih u bil-flus tal-*ecstasy* ikollu sabiex jixtri l-*meow meow* u l-kokajina. Igħid ukoll li minn meta beda jieħu d-droga għalih, jiġfieri minn sena qabel huwa kien beda jbiegħ. Huwa igħid li l-iktar li jbiegħ *ecstasy* għax lilu ma tantx tolqtu. Meta ġie mistqosi f'dik is-sena kemm jikalkula li biegħ, l-imputat igħid li huwa jikkalkula li biegħ mitejn pillola *ecstasy* u *meow meow* jikkalkula li biegħ xi erbgħin qartas l-iktar. Fir-rigward tal-kokajina, igħid li ġieli jinqabad bla flus u jkun fadallu xi waħda jew tnejn u jbiegħhom u jiġbor disgħin ewro. Igħid li l-kokajina ilu xi xahar biss jixtriha u igħid li f'dan l-aħħar xahar forsi biegħ xi għaxart iqratas.

Meta l-imputat ġie mistoqsi sabiex igħid minn fejn jixtri d-droga, huwa igħid li qiegħed jibża minn dak li jixtri mingħandu u għalhekk ma żvelax ismu. Igħid ukoll li l-*meow meow* jixtriha bl-għaxar ewro u ikun fiha 0.4 grammi, il-kokajina jixtriha erbgħin ewro u jkollu 0.5 grammi u l-*ecstasy* jixtriha bl-erba' ewro għal kull pillola. Igħid li l-*meow meow* kien ibiegħha bl-għoxrin ewro, il-kokajina bil-ħamsin ewro u l-*ecstasy* bl-għaxar ewro.

**Ikkunsidrat:-**

**L-istqarrija tal-imputat**

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti ser tindirizza l-lanjanza li tqajjmet mill-imputat in kwantu għal prova tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, li ġiet imressqa mill-prosekuzzjoni bħala prova in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Illi fl-udjenza tal-ħmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat, tramite l-avukat tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxata minnu u kien talab li jippreżenta nota ta' riferenzi f'dan ir-rigward. Sussegwentement nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat, tramite l-avukati tiegħu, preżenta rikors, fejn huwa talab lil din il-Qorti sabiex tiskarta l-istqarrija rilaxxata minnu, tenut kont li din ittieħdet mingħajr ma huwa ġie mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija.

Illi fl-udjenza tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), din il-Qorti, b'referenza għall-imsemmi rikors, kienet ħadet nota tal-fatt li l-imputat qiegħed jitlob l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minnu u dan għar-

raġunijiet indikati fl-istess rikors u kienet irriżervat li tipprovdi dwar din it-talba mas-sentenza finali.

Illi fl-udjenza ta' nhar l-għaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat, tramite l-avukati tiegħu, b'referenza għar-rikors intavolat minnu nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal darba oħra, talab lil Qorti sabiex tagħti digriet dwar it-talba tiegħu għall-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minnu fid-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). Fil-verbal tal-istess udjenza, il-Qorti kienet reġgħat ħadet nota tal-fatt li l-imputat qiegħed jitlob l-isfilz tal-istqarrija rilaxxata minnu u rriżervat li tipprovdi dwar din it-talba mas-sentenza finali.

Illi l-Qorti għalhekk trid qabel xejn, tiddetermina x'valur probatorju għandha tingħata l-istqarrija rilaxxata mill-imputat. Illi jirriżulta li l-imputat Bronwen Bugeja ġie mitkellem mill-Pulizija Eżekuttiva u rrilaxxa stqarrija nhar id-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dan wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx. Illi hekk kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat immarkata bħala 'Dok HM 2', l-imputat ma kienx ingħata d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet impellenti li jiġġustifikaw il-fatt li l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju. Konsegwentement jirriżulta li l-unika raġuni l-għaliex l-imputat ma ġiex mogħti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju kienet li dak iż-żmien dan id-dritt ma kienx għadu daħal fis-seħħ. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016), permezz tal-Avviż Legali numru erba' mija u wieħed (401) tas-sena elfejn u sittax (2016);

Minn qari tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat, jirriżulta kjarament li l-imputat inkrimina lilu nnifsu in kwantu għal diversi imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, tant li l-istqarrija tal-imputat hija l-prova determinanti u l-unika prova li fuqha qegħda tistrieħ il-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mogħti fil-każ **Beuze v il-Belgju**[14] tad-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), u l-prinċipji stabbiliti riċentament permezz tas-

[14] App. Numru 71409/10

sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[15]. Fiċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-għan li ma jiġux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar ir-reita o meno tal-istess imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni**

Skartata l-istqarrija tal-imputat u ġjaladarba kif ingħad, din kienet l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, dina l-Qorti ma tista' qatt issib lill-imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u għaldaqstant l-imputat ser jiġi liberat minnhom.

**Ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni**

Permezz tar-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat bil-pussess tad-droga kokajina u *ecstasy* mhux għall-użu esklussiv tiegħu. Illi din il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija PS 1354 Claudio Coppola, PC 159 Glendon Calleja, PC 1214 (illum Spettur) Malcolm Brandon Sammut u PC 131 Nathan Bugeja, li kienu preżenti meta ġie mwaqqaf l-imputat, li jixhdu li raw lill-imputat jarmi xi ħaġa mal-art. Igħidu li jirriżulta li l-imputat kien rema borża li kien fiha sbatax-il pillola suspettati *ecstasy* u diversi *sachets* bi trab abjad.

Illi l-Qorti tqis li l-verżjoni mogħtija mill-Uffiċjali tal-Pulizija hija waħda kredibbli u verosimili u din il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni tiddubita dak li kienu raw l-Uffiċjali tal-Pulizija b'għajnejhom stess. Illi jingħad illi l-Uffiċjali tal-Pulizija kienu ċari u konsistenti fix-xhieda tagħhom fir-rigward ta' dak li raw lill-imputat jagħmel, ossija li l-imputat kien qiegħed jaġixxi b'mod suspettuż u meta nnota li l-Pulizija qegħda ssegwih, huwa rema xi ħaġa mal-art.

Jirriżulta wkoll li l-Uffiċjali tal-Pulizija mal-ewwel proċedew sabiex jiġbru l-oġġett li ġie mormi, u sabu li l-imputat kien rema borża bl-oġġetti msemmija. Fid-dawl ta' din ix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija u tal-fatt ukoll li dawn il-boroż

---

[15] F'dan is-sens issir referenza għas-segwenti sentenzi (iżda mhux biss) **Morgan Onourah vs l-Avukat tal-Istat** Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 27 ta' Ottubru 2021, **Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat**, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' April 2022, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion**, Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), 4 ta' Mejju 2022, **Emmanuele Spagnol -vs- Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023 u **Jean Marc Dalli -vs- Kummissarju tal-Pulizija et**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2023.

inġabru immedjatament, meta l-imputat kien għadu fuq il-post, il-Qorti ma għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita li l-imputat kien rema l-borża kontenenti l-oġġetti msemmija jew illi l-borża kienet propju l-oġġett li l-imputat kien rema quddiem l-Uffiċjali tal-Pulizija.

Jingħad ukoll illi mix-xhieda ta' PS 839 Stephen Micallef stazzjonat id-*Drug Squad* jirriżulta li sussegwentement kienet ingħatat *handover* mill-Pulizija tar-*Rapid Intervention Unit* lill-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga, li kienu għamlu ukoll tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat fejn mill-kamra tas-sodda tal-imputat ġew elevati seba' (7) *sachets* oħra bi trab abjad u miżien u l-ammont ta' ħames mitt ewro €500).

Illi mir-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca, jirriżulta li s-sbatax-il pillola blu kienu fil-fatt pilloli *ecstasy,* kif ukoll li l-ħdax il-*sachet* ta' trab abjad kienu fil-fatt droga kokajina.

Illi l-Qorti tqis li mill-provi prodotti, m'hemmx dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga imsemmija, ossia d-droga *ecstasy* u kokajina, bħalma lanqas hemm dubju li l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar il-kontenut tal-borża li fiha ġiet misjuba d-droga, kif jirriżulta evidenti mill-fatt illi r-reazzjoni tiegħu meta nnota li kien hemm il-Pulizija kienet dik li jarmi l-borża bid-droga mal-art u dan hekk kif jirriżulta mid-depozizzjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post. Lanqas ma hemm dubju li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokajina li nstabet fil-kamra tas-sodda tiegħu ġewwa r-residenza tiegħu u li kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar l-istess droga.

Stabbilit dan, dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-pussess tad-droga da parti tal-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija -vs- Brian Caruana*** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002):-

> *"..kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-*

*konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti , ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli."*

Il-Qorti tqis li l-ammont ta' droga *ecstasy* u kokajina misjuba fil-pussess tal-imputat, li kien dak ta' sbatax (17)-il pillola ecstasy u 1.986 grammi ta' kokajina hekk kif kien barra mir-residenza tiegħu, ma huwiex ammont insinifikanti u lanqas ma huwa wieħed li normalment jiġi assoċjat ma' użu personali. Fir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi minkejja li jirriżulta mill-atti li l-imputat kien dipendenti fuq id-droga fiż-żmien tal-każ odjern, dan ma jservix ta' ġustifikazzjoni, imqar sal-grad tal-probabli, li l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tiegħu kienet intiża għalih. Il-Qorti tqis ukoll li d-droga kokajina li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet imqasmma f'erba' *sachets*, u li fuq il-persuna tal-imputat instabu erba' mija u ħamsin ewro (€450) fi flus kontanti.

Dak li jirriżulta għalhekk huwa li l-imputat fis-siegħat bikrin ta' filgħodu kien qiegħed jiġri barra mir-residenza tiegħu, f'post tad-divertiment, fil-pussess ta' sbatax (17)-il pillola *ecstasy* u tad-droga kokajina li kienet mqassma f'erba' *sachets*, u li kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Tqis ukoll li fir-residenza tal-imputat instabu ukoll seba' *sachets* li rriżulta li ukoll kienu kontenenti d-droga kokaina, liema *sachets* instabu flimkien ma' miżien diġitali li fuqu nstabu traċċi tad-droga kokajina.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga *ecstasy* u kokajina ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni iżda dan b'referenza biss għall-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u mhux ukoll għas-sena ta' qabel din id-data.

**Is-sitt (6) imputazzjoni**

Permezz tas-sitt (6) imputazzjoni, l-imputat qieħed jiġi akkużat bir-reat ta' pussess aggravat tal-mediċina psikotropika u ristretta *mephedrone*. Jirriżulta madanakollu, illi s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat, ma kinitx *mephedrone*, iżda kienet s-sustanza *3-Bromomethcathinone,* li skond ir-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca, ma hijiex ikontrollata bil-liġi. Għaldaqstant din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodisfaċentement ippruvata.

## Is-seba' (7) imputazzjoni

Permezz tas-seba' (7) imputazzjoni, l-imputat ġie addebitat ukoll bir-reċediva b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta minn dak iż-żmien il-Maġistrat Antonio Micallef Trigona, nhar id-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abel**a tal-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004):

> *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk issentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Il-Prosekuzzjoni ma eżebiet l-ebda sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

## Kunsiderazzjonijiet dwar piena

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom il-fedina penali aġġornata tal-imputat, in-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom qiegħed jinstab ħati u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Tqis ukoll li din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u li l-imputat kien ġie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, kif ukoll il-fatt li l-Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat u għalaq il-każ tiegħu b'suċċess.

Tqis ukoll li mill-provi mressqa fl-atti proċesswali jirrizulta, tal-inqas fuq bilanċ ta' probabiltajiet, li r-reati ta' pussess aggravat ta' droga kokajina u *ecstasy*, li dwarhom qiegħed jinsab ħati l-imputat, kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga. Għalhekk tenut kont li din il-Qorti hija sodisfatta

li jirriżulta l-kriterju msemmi fl-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ai termini tal-istess sub-artikolu, tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija, li huma altrimenti applikabbli għar-reati ta' pussess aggravat tad-droga li tagħhom qiegħed jinstab ħati l-imputat.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Leġislazzjoni Sussidjarja31.18, l-Artikoli 4 u 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament Mhux Priġunerija), Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikoli 17, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; qegħda ssib lill-imputat **Bronwen Bugeja** mhux ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tas-sitt (6) u tas-seba' (7) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah minnhom, filwaqt li qegħda ssibu ħati tar-raba' (4) u tal-ħames (5) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu (u dan b'referenza biss għall-lejl ta' bejn it-tmintax (18) u d-dsatax (19) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u mhux ukoll għas-sena ta' qabel din id-data) u qegħda tikkundannah għall-piena ta' tnax (12)-il xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi sospiża għal żmien tliet (3) snin mill-llum, kif ukoll multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1200),

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien 15-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati iħallas is-somma ta' elf mija u tlieta u disgħin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1193.33) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti Gilbert Mercieca[16] u Dr. Roberta Holland[17] f'dawn il-proċeduri fi żmien seba' (7) xhur mill-llum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga, Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll il-konfiska tal-ammont ta' erba' mija u ħamsin ewro (€450).

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara

[16] Mir-relazzjoni ta' Dr. Gilbert Merceieca mmarkata bħala 'Dok GM' u inserita *a fol.* 34 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal seba' mija u tmien ewro (€708).

[17] Mir-relazzjoni ta' Dr. Roberta Holland mmarkata bħala 'Dok RH' u inserita *a fol.* 62 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal erba' mija u ħamsa u tmenin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€485.33).